MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 920/1997/1

**Gasan Insurance Agency Ltd bhala agent u mandatarja tas-socjeta' estera General Accident, Fire & Life Corporation PLC ta' Perth, Scotland u din kif assikurata fid-drittijiet tal-assikurat taghha, E Frendo & Sons Ltd skond il-ligi u skond il-polza ta' assikurazzjoni (Claim 969022)**

**vs**

**Valletta Freight Services Ltd proprio u bhala agenti tal-WORLDWIDE CONTAINER LINE**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Frar, 2001 il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta' attrici nomine talbet sabiex dik konvenuta pro et nomine tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li thallas is-somma ta' Lm173.38 rapprezentanti nuqqasijiet sofferti mill-assikurat tal-attur u li ghalihom gie debitament kompensat minn kunsinnja ta' 145 cartons footwear li wasslu Malta fuq il-vapur Burgas fid-29 ta' April 1996.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet mid-data tal-avviz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijet tal-istess socjeta konvenuta pro et nomine (fol 4 tal-atti) li biha eccepiet:

1. Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari l-azzjoni attrici hija perenta ghax ghaddiet aktar minn sena minn meta waslet il-merkanzija de quo fid-29 t'April, 1996 sakemm gie prezentat l-avviz fis-6 ta' Mejju, 1997.

2. Illi s-socjeta' eccipjenti mhix l-agenti tad-ditta Wide Container Line u ghalhekk, bla pregudizzju ghall-eccezzjoni preliminari, ghandha tigi liberata ghax giet citata hazin f'dar-rigward.

3. Illi bla pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet, il-merkanzija de quo kienet giet konsenjata lil Tiba, l-principali taghha, gja fl-istat danneggjat li instabet fih meta waslet Malta, kif jidher mill-Fax (Dok FX). Kien ghalhekk li s-socjeta' eccipjenti minnufih infurmat b'dan lill-konsenjatarju f'Malta, assikurat mas-socjeta' attrici, izda dan insista li l-merkanzija xorta wahda tigi "shipped out" ghall-Malta fl-istat li kienet.

4. Ghalhekk is-socjeta' eccipjenti qatt ma tista' tigi ritenuta responsabbli ghan-nuqqas reklamat.

5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Kif ukoll l-anness dokument a fol 5 ibid (ara ukoll fol 15 tal-atti).

Rat id-digriet taghha moghti fis-26 ta’ Settembru 1997 (fol 8 u 9 ibid).

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi Marcel Frendo (fol 29 et seq ibid) permezz ta’ “affidavit” u dokumenti spjega li s-socjeta “E Frendo and Sons” kienet ordnat minghand ditta spanjola 145 kaxxa kontenenti 3270 pari ta’ zraben. L-istess ditta spanjola kellha twassal din il-merkanzija mill-fabbrika taghha ghand l-agenti, fi Spanja, tas-socjeta konvenuta ossija TIBA International S.A. In rigward is-socjeta’ konvenuta, din giet inkarigata mit-trasport tal-istess merkanzija minn Barcellona sa Malta. Konsegwentement, fi kliem l-istess xhud “ ..... ir-responsabilta’ tal-Valletta Freight huma minn meta jaslu l-affarijiet ghand it-Tiba sakemm jaslu l-affarijiet Malta”. Hawnhekk ix-xhud irrefera ghal “bill of lading” a fol 45 tal-atti li kien jirreferi ghall-istess merkanzija u, fi kliemu stess “.... dan il-bill of lading m’ghandix rimarki negattivi”. Mal-wasla u rilaxx tal-istess merkanzija hawn Malta (Ara Dok MF 15 a fol 48 ibid), ix-xhud innota li kien hemm “tlett cartons” b’evidenza ta’ danni u “shortages minnhom”. In konnessjoni ma dan, esebixxa d-dokumenti markati Dok MF 16 u Dok MF 17 (fol 49 u 50 ibid) ossija “customs certificate” u “ list of shortages” relattivi ghal dak li ghadu kemm xehed fuqu. Sussegwentment saret talba ghal risarciment minghand is-socjeta attrici li da parti taghha hallset l-ammont specifikat fl-avviz, b’surroga (ara fol 51 u 52 ibid ossija Dok MF18 u Dok MF19. Ix-xhud accenna ukoll ghall-fatt li qabel l-istess merkanzija kienet telqet min Spanja, kien ircieva telefonata minghand “Kevin” (Filletti) impjegat mas-socjeta’ konvenuta u dan kien informa lix-xhud li kien hemm xi kaxxi mill-merkanzija “ li kienu jidhru esternament danneggati”. Ix-xhud pero’ kien inkarigah sabiex il-merkanzija tingieb f’Malta “billi kelli bzonn il-merkanzja”. Sussegwentement hu kien ircieva kopja tad-dokument FX (anness man-nota tal-eccezzjonijiet bhala Dok FX a fol 5 ibid kif ukoll a fol 17 ibid). In rigward dak imnizzel fuq dan id-dokument hu sostna li hawn Malta kienu instabu, biss, tlett kaxxi miftuhin b’”nuqqas fihom”.

Ix-xhud kompla jinsisti li "Kevin" qatt ma qallu "li l-kaxxi li kienu Spanja kien fihom in-nuqqasijiet" izda kien qallu biss li "kien hemm kaxxi bil-hsara".

Ikkunsidrat

Illi Mario Tellus (fol 18 et seq ibid) ikkonferma, f'isem is-socjeta' konvenuta, illi l-imsemmija ditta "Tiba International SA" kienet l-agent ta' Valletta Freight Services Ltd, fi Spanja. L-istess ditta Spanjola kienet irceviet l-imsemmi merkanzija u poggietha fil-mahzen taghha u "ghamlet ix-"shipping" ghal hawn Malta". Hawnhekk hu esebixxa dokument markat Dok MT (fol 17 tal-atti, ara ukoll fol 5 ibid). In sostenn tat-tielet eccezzjoni, skond hu, minn dan il-"fax" datat it-22 ta' April 1996 jirrizulta li l-merkanzija kienet, di gja bi hsara meta waslet ghand l-agent fi Spanja tas-socjeta konvenuta cioe l-imsemmija ditta Tiba International S.A.. Meta s-socjeta' konvenuta irceviet dan il-"fax" immedjatament gie kontattat il-konsenjatorju hawn Malta ossija id-ditta "E. Frendo and Sons" li da parti taghha tat struzzjonijiet li l-istess merkanzija, kif inhi, tintbaghat lejn Malta.

Ikkunsidrat

Illi, mill-provi kif esposti, b'mod specjali mid-dokumenti li sar accenn ghalihom, jidher evidenti li dan il-kaz jirriferi ghal "footwear shortages" (ara fol 50 tal-atti) u is-socjeta attrici nomine irrizarciet lid-ditta "E Frendo and Sons" limitatament ghal dawn in-nuqqasijiet fil-merkanzija in esami. Ma jidhirx li b'xi mod sar xi resarciment in rigward dak elenkat fil-"fax" imsemmija u li tinsab a fol 5 u 17 tal-istess atti), f'liema dokument ma hemm ebda accenn ghal xi parti mill-merkanzija li setghet kienet nieqsa. Ghalhekk jidher li tali nuqqasijiet fl-istess merkanzija probabilment avveraw ruhhom wara li din waslet ghand l-agent tas-socjeta' konvenuta fi Spanja u sakemm waslet f'Malta u b'hekk taht ir-responsabbilta legali tal-istess socjeta' kovenuta.

Ikkunsidrat

Illi, fid-dawl tal-premess, it-talba attrici ghandha tigi akkolta.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta fil-kwalitajiet taghha premessi sabiex thallas lis-socjeta’ attrici nomine s-somma ta’ Lm173.38,0 bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Mejju 1997 sal-pagament effettiv u bl-ispejjes.”

Is-socjeta’ konvenuta appellat minn din id-decizjoni b’dawn l-aggravji:-

(i) L-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni jew dekadenza tal-azzjoni;
(ii) Naqset ukoll li tiddeciedi l-eccezzjoni sollevata li hi ma kienetx l-agent f’Malta tal-Wide Container Line;
(iii) Fil-meritu hi nstabet responsabbli fiz-zewg kwalitajiet li fihom giet citata, meta l-fatti kellhom jinducu lill-Qorti ghal konkluzjoni xort’ohra minn dik li rritenietha fi htija, a bazi tal-konsiderazzjonijiet ta’ fatt, anke ‘in veste proprio’.

In kwantu ghall-ewwel aggravju s-socjeta’ attrici appellata wiegbet hekk:-

(a) Is-socjeta’ appellanti ma ssollevatx l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;
(b) L-ewwel Qorti ghamlet sew li injorata gjaladarba ma ssemmiex l-artikolu tal-ligi applikabbli ghal kaz;
(c) F’kull kaz l-artikolu issa citat in sede appell ma jghoddx ghal kaz partikolari.

Jirrizulta mill-korp tas-sentenza appellata illi effettivament l-ewwel Qorti naqset li tiddeciedi l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` appellanti. Kuntrarjament ghal dak ritenut mis-socjeta’ appellata din l-eccezzjoni kienet tirreferi espressament ghall-perenzjoni tal-azzjoni. Eccezzjoni bhal din, li kienet tidderimi l-azzjoni, ma setghetx tigi injorata mill-ewwel Qorti, lanqas ghal motiv li s-socjeta’ appellanti naqset li tispecifika d-dispost tal-ligi applikabbli ghal kaz. Anzi dan il-fatt kellu proprjament

jircievi kumment bazat fuq il-principju maghruf, akkolt fil-gurisprudenza, illi l-preskrizzjoni jew dekadenza eccepita kellha tkun specifikata gjaladarba l-Qorti ma tistax 'ex officio' tissupplixxi ghan-nuqqas tal-parti. (**Vol XXXVII pII p630**; **Vol XLI pI p178**). Ma kenitx ghalhekk guridikament korretta l-ewwel Qorti li tinjorah ghal kollox.

L-Artikolu 730 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili difatti jiddisponi illi "*l-eccezzjoni ta' inkompetenza ta' illegittimita' ta' persuna, u l-eccezzjonijiet ta' transazzjoni, arbitragg, res judicata, preskrizzjoni jew nullita` ta' atti, ghandhom jigu decizi b'kapi ghalihom, qabel, jew flimkien mas-sentenza fuq il-meritu*".

Jekk dan ma jsirx tali nuqqas tad-decizjoni dwarha jikkostitwixxi difett ta' forma li tikkoncerna l-ammissibilita' tal-kawza. Ir-rimedju adoperat hu dak li s-sentenza tigi annullata u l-attijiet jigu mill-gdid rinvjati lill-ewwel Qorti. Vide decizjonijiet a **Vol XXVII pI p663**; **Vol XXXV pI p101**; **Vol XXXIX pI p502**; "**Paul Xuereb –vs- Amabile Fiott**", Appell Sede Inferjuri, 3 ta' Dicembru 1975).

Issa huwa minnu wkoll illi in forza ta' l-Artikolu 790 tal-Kap 12 eccezzjoni simili, li mhux espressament eccettwata ghan-non-applikazzjoni ta' dan l-artikolu, ma ghandhiex tigi ntrattenuta jekk l-Appell isib li s-sentenza moghtija b'dak in-nuqqas "*tkun gusta fis-sustanza taghha*" (**Vol XV pag.43**; **Xol XXIX pI p1063**; **Vol XLVIII pI p693**).

Terga' fil-kaz de quo ma jirrizultax illi l-ewwel Qorti indagat u stabbiliet, kif kien jixraq, il-karattru guridiku tas-socjeta' appellanti fil-kontrattazzjoni intervenuta biex b'hekk setghet tkun in grad li tiddetermina, in rapport ghall-eccezzjoni moghtija, jekk is-socjeta' appellanti kienetx "appaltatur", kif hekk qed tissottometti s-socjeta' attrici appellata jew, invece, dik ta' trasportatur jew ta' agent jew ta' kummercjant kommissjonant jew ta' depozitarju. Dan ma giex epurat u ghalhekk, anke ghal din ir-raguni, apparti l-evalwazzjoni tal-provi,ma jistax jinghad li s-sentenza tista' titqies gusta sostanzjalment.

Kif gja rilevat hawn fuq huwa ovvju li fil-kaz taht konsiderazzjoni s-sentenza appellata, u b'mod partikolari l-parti operattiva taghha, l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' appellanti ma gietx deciza, kif hekk ukoll ma gietx deciza t-tieni eccezzjoni.

Gjaladarba gie espost illi l-Art 790 ma jistax f'dan il-kaz jinnewtralizza d-difett, jigi illi kif rispekkjat fid-decizjoni fl-ismijiet "**Raphael Micallef –vs- Anthony Agius**", Appell, 12 ta' Mejju 1997, l-artikolu 730 hu "*provvediment procedurali tassattiv li jorbot lill-Qorti u li ghandu jigi osservat minnha taht piena ta' nullita' tas-sentenza*". Dan anke ghaliex "*hi wkoll materja ta' ordni pubbliku fir-rigward tar-regolament procedurali tat-trattazzjoni tal-kawzi li tista' tigi sollevata mill-Qorti ex officio*".

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed tilqa' l-appell, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tirrinvija l-atti quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni u decizjoni skond il-ligi.

Fic-cirkostanzi u kif konswet f'kazijiet analogi, l-ispejjez kollha jibqghu a kariku tal-partijiet fi kwota ta' nofs kull wiehed.

-------------------------------TMIEM-------------------------------